

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 699/2009**tal-31 ta' Lulju 2009****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-Ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet tal-KE ta' Ila u IV; fl-ilmijiet tal-KE u daww internazzjonali taż-żona VI minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[tas-Sajd] ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [Politika Komuni tas-Sajd] ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi għall-2009 l-oportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid ⁽³⁾, jistabbilixxi l-kwota għall-2009.
- (2) Skont it-tagħrif li wasal għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdi li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2009.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih għandu jkun ipprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn daww il-bastimenti.

Artikolu 3**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Id-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u S-Sajd

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

⁽²⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

ANNEX

Nru	4/T&Q
Stat membru	Spanja
Stokk	GHL/2A-C46
Speċi	Ħalibatt ta' Greenland (<i>Reinhardtius hippoglossoides</i>)
Żona	L-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV; l-ilmijiet tal-KE u internazzjonali ta' VI
Data	15 ta' Ġunju 2009